**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 10/23**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 02 ta' Ottubru 2023 |
| **Ħin:** | 5:50pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela- Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (skużata)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier (skużata)
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:01pm)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **10.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **10.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **10.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **10.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **10.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **10.06** | **Vetturi elettriċi;** |
| **10.07** | **Tindif tal-uffiċini;** |
| **10.08** | **Żejt iż-Żejtun;** |
| **10.09** | **Xogħlijiet;** |
| **10.10** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **10.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **10.12** | **Mozzjonijiet; u** |
| **10.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

| **10. 1.** | | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tlett ittri ta' apoloġiji tas-sinjuri Abela, Camilleri u Baldacchino. | |
| **10. 2.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 09/23 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 10 2 1 | 09.02.02 | Sindku | Is-Sindku qalet li dawn ser jinqagħlu u ser issir sleeping police. | |
| | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **10. 2.** | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. 2 2 | 09.02.07 | Fenech | Fenech qalet li rridu niċċekjaw l-invoice u rċevuta tat-Three Eight Nine Ltd. Żiedet ukoll li s-segretarjat ser ikun qed jagħmel kampanja ta' tagħlim. Semmiet ukoll il-problema eżistenti tal-ħamiem. Fenech qalet li l-cat feeders ħadu sehem f'Żejt iż-Żejtun. Sar Cat and dogs lovers festival fil-Gżira u ġejna mistiedna bħala Kunsill u ż-Żejtun stray cat group. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 3 | 09.03.01 | Caruana Ray: | Caruana qal li trid titwaħħal tabella ta' direzzjoni l-isfel min joħrog minn Triq Dun Ġwann Tabone. Caruana qal li hemm bżonn terġa tibda tintuża l-gate tat-tarf biex il-coaches ma jieħdux l-ispazju kollu. | Sindku |
| 10. | 2 | 4 | 09.03.05 | Fenech | Fenech qalet li l-bandiera twaħħlet għal din l-okkażżjoni. | Fenech |
| 10. | 2 | 5 | 09.04.01 | Viċi-Sindku: Ir-rapport finanzjarju tal-Manuċċa Child Day Care Centre | Il-Viċi-Sindku resqet quddiem il-kunsill ir-rapport finanzjarju fejn spjegat id-dħul u l-ħruġ fejn kien baqa' bilanċ ta' €19,150. Qalet li sejrin tajjeb ħafna. | Viċi-Sindku |
| 10. | 2 | 6 | 09.04.05 | Sindku: *Round about* | Is-Sindku qalet li dwar din it-talba ser inkunu qed niċċekjaw ma' TM. | Sindku |
| 10. | 2 | 7 | 09.04.06 | Fenech: CulturAlla | Fenech qalet li li bħalissa qed jinħadem vidjo qasir ta' bejn tlieta u erbgħa minuti dwar is-sbuħija taż-Żejtun u li dan ser ikun qed jiġi muri waqt il-multiplyer event li ser isir fil-kunsill fl-għeluq tal-proġett. | Fenech |
| 10. | 2 | 8 | 09.04.23 | Caruana Ray: Triq Toni Zahra | Caruana staqsa dwar l-sleeping police li kellha titwaħħal. Is-Sindku qalet li hemm applikazzjoni sabiex din issir kantuniera ma' Triq Hector Dalli. | Sindku |
| 10. | 2 | 9 | 09.07.02 | Chircop: Horrid History | Chircop qal li din ser tiġi organizzata mill-*Malta Chamber of Scientist*. Ser ikunu qed jintużaw il-binja tal-Kunsill, Pjazza Santa Marija kif ukoll San Girgor. Fit-30 t'Ottubru ser isiru raprezzentazzjonijiet għat-tfal tal-iskola u fil-31 t'Ottubru għall-pubbliku. | Chircop |
| 10. | 2 | 10 | 09.07.03 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal li s'issa applikaw 17 -il mużiċist. | Chircop |

**10 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/23. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa ma'TM dwar Slow Streets li kienu jinkludu ir-roundabout ta' Sant'Anġ u Triq Toni Zahra. Project Green ser jagħmlu attivita' fid-9 t'Ottubru fi Ġnien ż-Żogħżija fejn ser ikun hemm it-tfal tal-iskola u jagħtu l-ideat tagħhom dwar kif jista' jsir it-tisbiħ taż-żona. Qalet ukoll li kellna laqgħa oħra mal-Ministru tat-Trasport Onor. Aaron Farrugia fejn ġie preżentat il-proġett ta' Slow Streets. Kien hemm qbil li għandha tingħata attenzjoni iż-żona ta' Triq Toni Zahra u l-madwar. Ser isir *Traffic Impact Assesment* taż-żona. | Sindku |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 2 | | Sindku | Is-Sindku qalet li rċevejna talba mill-Old Motors Club sabiex issir attivita' fil-5 ta' Novembru fi Ġnien il-Kmandant. Ser nitolbu li ssir it-talba bil-miktub u nirrispondu fuqha u jintalbu l-flus għall-użu tal-ġnien. | Sindku |
| 10 | 3 | 3 | | Sindku | Is-Sindku qalet li rċevejna t-*traffic management.* Dwar dan irridu nitkellmu ma' TM sabiex jispjegalwna aħjar kif qed jipproponu. | Sindku |

**10. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 4 | 1 | | Viċi-Sindku - Ħal Tmin | Il-Viċi-Sindku qalet li l-problema ta' Blokka G tal-iskart għandu jibdew jinħarġu l-boroż ħdejn il-bieb. Is-Sindku qalet li nfurmat lill-kuntrattur dwar kif ser jibda jinġabar. Qalet ukoll li hemm bożża mhux tixgħel. | |
| 10. | 4 | 2 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li jridu jsiru *double yellow lines* fl-entratura ta' Blokka E u fi Triq Ġibja Rumana hemm siġra perikoluża li trid titneħħa. | |
| 10. | 4 | 3 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar permess fi Triq l-Aħħar Ħbit tat-Torok li għadu pendenti. | |
| 10. | 4 | 4 | | Viċi-Sindku: Trejqet ir-Remissi | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bżonn tarmak u dawl f'din it-triq. | |
| 10. | 4 | 5 | | Viċi-Sindku: Apprezzament | Il-Viċi-Sindku qalet li attendiet għall-quddiesa ta' Fr Dillon. Bħala Kunsill kien hemm qbil unanimu li għandu jiġi mistieden il-Kunsill u jingħata tifkira. Għandu jsir l-istess mal-Arċipriet. | |
| 10. | 4 | 6 | | Caruana Ray | Caruana ġibed l-attenzjoni dwar vetturi li qed jipparkjaw ħażin fejn l-Istitut. Is-Sindku qalet li ntbagħtet imejl lill-Ministru dwar vetturi abbandunati u diġa ttieħdet azzjoni fi Triq Ħal Tarxien u Triq Tal-Ħotba. Qalet ukoll li kellha laqgħa ma' Go Green fejn ser issir tindifa taż-żona u ser jitwaħħlu l-kameras li ser jiġu sponsorjati minnhom. | |
| 10. | 4 | 7 | | Caruana Ray | Caruana qal li l-kuntrattur tal-knis qed iħalli l-boroż suwed wara l-kinsa u mhux jinġabar. | |
| 10. | 4 | 8 | | Chircop | Chircop qal li hemm applikazzjoni fi Triq Hector Dalli sabiex isir żvilupp u triq ġdida. Saret oġġezzjoni minn naħa tal-Kunsill. | |
| 10. | 4 | 9 | | Chircop | Chircop qal li hemm proposta li fid-daħla taż-Żejtun jinqagħlu il-pelican lights u ssir roundabout. Ser tiġi diskussa fil-laqgħali jmiss. | |

**10. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 5 | 1 | | Ma kinx hemm iktar xogħol msemmi. | |
| **10.** | **6.** | | **Vetturi elettriċi;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 6. | 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li l-vannijiet elettriċi waslu u jridu jinġabru minn naħa tagħna. S'issa għadna ma sibniex xufiera sabiex nagħtu dan is-servizz. | |
| **10.** | **7.** | | **Tindif tal-uffiċini;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 7 | 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li t-tenders mitfugħa ma ġewx onorati mill-kuntratturi għalhekk kellna morru sabiex insibu lil xi ħadd. Ser tkun qed tagħti dan is-servizz s-Sinjura Joyce Bartolo. | |
| **10.** | **8.** | | **Żejt iż-Żejtun;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 8. | 1 | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li din l-attivita' kienet suċċess. Xtaqqħet li sabet iktar għajnuna u l-manuċċi intgħoġbu ħafna. Is-Sinkdu żiedet li l-kummenti ġenerali kienu pożittivi u kellna fostna l-president tar-Reġjun, u delegazzjonijiet minn Celano, s-Sindku Silvia Marelli, fejn ddawruhom. Irringrazzjat lill-Perit Chris Cachia li offra l-vilel tiegħu bi prezz sussidjat. Delegazzjoni mill-Kunsill t'Avola, Oborniki u Birzeit. Irridu nibagħu ittra lill-MBR, Nakis, Silvar Constructions Ltd, Banif, il-kontinġenti barranin, s-Sur Jetro Abela tal-Ajet Signs u l-Cleansing Department talli provdew il-bins. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li meta jintbagħtu l-istediniet għandha tingħata risposta jekk hux ser jattendu l-kunsilliera jew le. Caruana qal li kien hemm problema bil-bins on wheels għax dawn ġabhom tard. | |
| **10.** | **9.** | | **Xogħlijiet;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 9. | 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li ntefgħu sitt offerti għax-xogħol fuq Ġnien Brejġu li għad iridu jiġu evalwati. Fuq Misraħ Santa Marija iltaqa' l-perit mal-kuntrattur fejn għaddilu s-survey taż-żona u issa ser isir it-tfassil u jibda x-xogħol.<br>Ħal Tmin iltaqgħet mal-perit u l-kuntrattur u daqt jibda' x-xogħol. | |
| **10.** | **10.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 10. | 1 | Viċi-Sindku | Il-Kids Club bdew bil-ħinijiet tax-Xitwa. | Viċi-Sindku |
| 10. | 0. | 2 | Viċi-Sindku | Fl-14 t'Ottubru ser tieħu lit-tfal jaraw film waqt il-Children's Day Cinema. | Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 10. 3 | | Viċi-Sindku | Fit-28 t'Ottubru ser tagħmillhom attivita' għall-Halloween. | Viċi-Sindku |
| 10. 0. 4 | | Viċi-Sindku | Bejn l-10 u t-12 ta' Novembru weekend break. | Viċi-Sindku |
| 10. 10. 5 | | Viċi-Sindku | Fl-20 ta' Novembru ser jiġi ċċelebrat Jum it-Tfal. | Viċi-Sindku |
| 10. 0. 6 | | Viċi-Sindku | Il-Pantomima ser titellgħa bejn is-27 u t-30 ta' Diċembru fl-Iskola Primarja B bl-isem tas-Sabiħa Cindirella. | Viċi-Sindku |
| 10. 10. 7 | | Fenech | Fenech qalet li ġie approvat proġett ieħor li ser isir bejn il-5 u t-13 t'Ottubru f'Sabbionetta.<br>Ser ikunu qed jattendu Anton Aquilina mill-Banda Beland u Melvin minn naħa taż-Żejtun Band kif ukoll Miriana Camilleri mill-grupp taż-żgħażagħ. Tkellmet ukoll mal-Girl Guides u l-boys Scouts kif ukoll il-grupp Forward pero ma kinux interessati. | |

**10. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta10/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 11. 3 | | *Petty Cash* - Settembru 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ottubru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €128.39 | Segretarju Eżekuttiv |

**10 12** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 12 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa. | |
| 10. 12 2 | | | | |

**10 13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

Iffirmata
Maria Dolores Abela
Sindku

Iffirmata
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv